



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Settembru 2019
(OR. en)

11858/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0182(NLE)

VISA 172
COEST 182

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Awwissu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 403 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 403 final.

Mehmuż: COM(2019) 403 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.8.2019
COM(2019) 403 final

2019/0182 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja
dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fil-kuntest tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Mejju 2009, l-UE affermat mill-ġdid l-appoġġ politiku tagħha għal-liberalizzazzjoni sħiħa tas-sistema tal-viżi f'ambjent sikur, u għall-promozzjoni tal-mobilità, billi jiġu konklużi ftehimiet dwar l-iffaċilitar tal-viżi u r-riammissjonijiet mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. Skont l-approċċ komuni għall-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi li ġie miftiehem fil-livell ta' COREPER mill-Istati Membri f'Diċembru 2005, ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi ma jiġix konkluż mingħajr ma jkun hemm fis-seħħ ftehim ta' riammissjoni.

Abbażi ta' dan, fit-12 ta' Novembru 2010 il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni lill-Kunsill bil-ħsieb li jinkisbu direttivi biex jiġu nnegożjati Ftehimiet mar-Repubblika tal-Belarussja dwar, rispettivament, il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir, u r-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fit-28 ta' Frar 2011¹, in-negożjati mar-Repubblika tal-Belarussja nfetħu formalment fi Brussell fit-12 ta' Ġunju 2014.

Saru ħames sessjonijiet ulterjuri ta' negożjati fl-24 ta' Novembru 2014 f'Minsk, fit-12 ta' Marzu 2015 fi Brussell, fl-20 ta' Ġunju 2017 f'Minsk, fil-11 ta' Ottubru 2018 u fis-26 ta' Marzu 2019 fi Brussell. In-negożjaturi ewlenin inizjalaw it-test tal-ftehim fl-17 ta' Ġunju 2019 permezz ta' skambju ta' posta elettronika.

Sadanittant, il-Belarussja, l-Unjoni Ewropea u seba' Stati Membri parteċipanti (il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Polonja, l-Ungerija, il-Finlandja u l-Latvja) iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta dwar Sħubija għall-Mobbiltà fit-13 ta' Ottubru 2016.

Sa mit-12 ta' Frar 2017, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma eżenti mill-ħtieġa tal-viża għad-dħul u s-soġġorn fit-territorju tar-Repubblika tal-Belarussja għal perjodi sa massimu ta' ħamest (5) ijiem, sakemm dawn ikunu qasmi l-fruntiera fl-Ajruport Internazzjonali ta' Minsk. Fl-24 ta' Lulju 2018, dan il-perjodu ta' soġġorn mingħajr viża ġie estiż għal 30 jum bl-istess kundizzjonijiet. Għal perjodi ta' soġġorn ta' aktar minn 30 jum u mhux aktar minn 90 jum (fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum), il-Ftehim se japplika b'mod reċiproku.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fil-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti fl-istadji kollha tan-negożjati. L-abbozz finali tat-test tal-Ftehim kien kondiviż mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża u ġie approvat b'mod ġenerali, permezz ta' proċedura ta' silenzju, fit-5 ta' April 2019.

Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew ġie infurmat dwar il-konklużjoni tan-negożjati kemm dwar il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Viża kif ukoll dwar dak ta' Riammissjoni, permezz ta' ittra mibgħuta mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni lill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern. Ġew annessi l-abbozz tat-testi taż-żewġ Ftehimiet.

¹ Id-direttivi ta' negożjati ġew emendati mill-Kunsill fit-2 ta' Marzu 2015 sabiex tiġi inkluża l-possibbiltà li l-eżenzjoni diplomatika mill-viża tiġi sospiża fil-każ ta' firxa usa' ta' raġunijiet minn daww speċifikati fid-dispożizzjonijiet ta' sospensjoni standard, eż. fil-każ ta' kunsiderazzjonijiet li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kif ukoll fil-każ ta' abbuż minn dik l-eżenzjoni.

Id-deċiżjoni proposta rigward il-konklużjoni tippreżenta l-arranġamenti interni neċessarji għall-applikazzjoni Prattika tal-Ftehim. B'mod partikolari, tispeċifika li l-Kummissjoni, meġġuna minn esperti mill-Istati Membri, tirrappreżenta lill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża stabbilit bl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi l-istrumenti legali għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Kunsill se jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

2. L-GĦAN U L-KONTENUT TAL-FTEHIM

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi (minn issa 'il quddiem: "il-Ftehim") għandu l-għan li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn intiż ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Belarusja.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li ntlaħqu l-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-Ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut aħħari tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

- bħala prinċipju, fil-każ tal-applikanti kollha għal viża, ikollha tittieħed deċiżjoni jekk tinħariġx viża jew le fi żmien għaxart (10) ijiem tal-kalendarju. Dan il-perjodu jkun jista' jiġi estiż għal massimu ta' 30 jum tal-kalendarju jekk ikun hemm bżonn ta' skrutinju aktar dettaljat. F'każijiet urġenti, il-perjodu għat-teħid ta' deċiżjoni jista' jitnaqqas għal jumejn ta' xogħol jew inqas. Bħala regola, l-applikanti għall-viża jista' jkollhom appuntament biex jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom fi żmien ġimgħatejn mid-data tat-talba u, f'każijiet ta' urġenza, minnufih jew mingħajr appuntament;
- it-tariffa tal-viża biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet ippreżentati minn ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Belarusja hija ta' EUR 35. Din it-tariffa tiġi applikata għall-applikanti kollha għal viża. Barra minn hekk, il-kategoriji ta' persuni li ġejjin jibbenefikaw minn eżenzjoni sħiħa mit-tariffa tal-viża: tfal taħt l-età ta' 12-il sena, persuni b'diżabilità, qraba stretti, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li jipparteċipaw f'attivitajiet tal-gvern, tfal tal-iskola, studenti u studenti li jkollhom diġà grad universitarju, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, każijiet umanitarji u persuni li jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali, artistiki u sportivi;
- f'każ li l-Partijiet jiddeċiedu li jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi għal, fost affarijiet oħra, il-ġbir tal-applikazzjonijiet għall-viża, it-tariffa li għandha titħallas lill-fornitur tas-servizz estern ma tistax taqbeż it-EUR 30. Il-possibbiltà li ċ-ċittadini tal-Partijiet jippreżentaw l-applikazzjoni direttament fil-konsulati għandha tinżamm, sa fejn ikun possibbli, pereżempju fejn ikun hemm biżżejjed persunal biex ilaħħaq mal-ammont ta' xogħol u li jissodisfaw l-obbligi stabbiliti mill-ftehim;
- id-dokumenti dwar l-iskop tal-vjaġġ li għandhom jiġu ppreżentati ġew simplifikati għall-kategoriji li ġejjin ta' applikanti: qraba mill-viċin, negozjanti, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, tfal tal-iskola u studenti diġà bi grad universitarju, parteċipanti f'avvenimenti xjentifiċi, kulturali u sportivi, ġurnalisti, persuni li jkunu qed iżuru dfin militari u ċivili (inklużi qraba), rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti oħra simili, xufiera li jwettqu servizzi ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija u ta' passiġġieri, parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju ta' bliet ġemellati, persuni li jipparteċipaw

f'avvenimenti sportivi internazzjonali, membri tal-ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi u parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-UE. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss id-dokumenti elenkati fil-ftehim biex jiġi ġġustifikat l-għan tal-vjaġġ. Bħala regola, ma tkun tinhtiegħ l-ebda għustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni oħra prevista mil-leġislazzjoni tal-Istati Membri jew mir-Repubblika tal-Belarusija;

- hemm ukoll kriterji simplifikati għall-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu għal dawn il-kategoriji ta' persuni li ġejjin:
 - (a) fil-każ ta' membri ta' gvernijiet nazzjonali u reġjonali, parlamenti u qrati, membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali, konjuġi u ulied li jżuru ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Belarusija jew ċittadini tar-Repubblika tal-Belarusija li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri jew ċittadini tal-UE li jirrisjedu fit-territorju tal-Istati Membri li tagħhom ikunu ċittadini jew ċittadini tar-Repubblika tal-Belarusija li jirrisjedu fit-territorju tal-Belarusija: viżi bi dħul multiplu b'perjodu ta' validità ta' ħames (5) snin (jew inqas, jekk l-intenzjoni li wieħed jivvjaġġa regolarment tkun manifestament limitata, pereżempju fejn il-perjodu ta' validità tal-mandat jew l-awtorizzazzjoni tagħhom għal residenza legali ikun iqsar);
 - (b) parteċipanti fi programmi xjentifiċi, kulturali, ta' skambju uffiċjali jew transfruntier, avvenimenti sportivi internazzjonali, ġurnalisti, studenti, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti simili oħra, sewwieqa li jwasslu merkanzija internazzjonali u ekwipaġġ ta' ferroviji u persuni li jeħtieġu li jagħmlu żjarat regolari minħabba raġunijiet mediċi: viżi għal dħul multiplu validi għal sena (1);
 - (c) l-istess kategoriji msemmija f'(b): jenhtiegħ li jinħarġu viżi validi għal minimu ta' sentejn (2) u massimu ta' ħames (5) snin (sakemm matul is-sentejn ta' qabel ikunu użaw legalment il-viżi ta' dħul multiplu ta' sena (1), sakemm il-ħtieġa jew l-intenzjoni ta' vvjaġġar frekwenti ma tkunx manifestament limitata għal perjodu iqsar);
- ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusija li jkunu detenturi ta' passaporti diplomatiċi bijometriċi validi u d-detenturi ta' *laissez-passer* validi tal-UE huma eżenti mill-obbligu li jkollhom viża għal soġġorn qasir. F'April 2015 il-Kummissjoni kienet ippreżentat l-ewwel valutazzjoni tas-sigurtà u l-integrità tas-sistema ta' ħruġ tal-passaporti diplomatiċi Belarussi, inklużi l-karatteristiċi ta' sigurtà ta' dawn tal-aħħar, b'eżitu sodisfaċenti fir-rigward tas-sistema ta' ħruġ. Madankollu, il-livell ta' sigurtà tal-passaporti diplomatiċi Belarussi ma kienx ikkunsidrat bħala suffiċjenti biżżejjed minn xi Stati Membri. Ir-Repubblika tal-Belarusija sussegwentement infurmat li kienet se tibda toħroġ passaporti bijometriċi f'konformità mal-aħħar linji gwida u rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili mill-bidu tal-2020 u aċċettat li tillimita l-eżenzjoni mill-viża għal passaporti diplomatiċi bijometriċi (rekwiżit addizzjonali mhux mitlub mid-direttivi ta' negozjar). Fis-sitt u l-aħħar ċiklu ta' negozjati fl-26 ta' Marzu 2019, ir-Repubblika tal-Belarusija pprovdiet lill-Kummissjoni informazzjoni aġġornata dwar is-sistema tal-ħruġ u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' dawn il-passaporti, u impenjat ruħha li tikkondividi kampjun tal-passaport bijometriku l-ġdid u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi finali sa mhux aktar tard minn Ottubru 2019. F'dawn iċ-

ċirkostanzi, il-valutazzjoni finali tas-sistema ta' ħruġ tal-Belarussja se jkollha ssir mill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, qabel ma l-Ftehim ikun jista' jiġi konkluż;

- il-klawżoli finali jipprovdu l-possibbiltà għall-Partijiet li jissospendu l-ftehim, kompletament jew parzjalment (eż. l-eżenzjoni mill-viża għad-detenturi ta' passaporti bijometriċi diplomatiċi) għal kwalunkwe raġuni. Għalhekk din id-dispożizzjoni tkopri raġunijiet ta' sospensjoni bħall-ksur jew l-abbuż ta' xi dispożizzjoni tal-ftehim, bħall-eżenzjoni mill-viża għal passaport diplomatiku (l-Artikolu 10), għal kunsiderazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (imsemmija wkoll fi preambolu tal-Ftehim), kif ukoll għal nuqqas ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni u/jew l-implimentazzjoni mhux sodisfaċenti tal-Ftehim ta' Riammissjoni;
- il-klawżoli finali jistipulaw ukoll li l-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viża jista' jidħol fis-seħħ biss fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Riammissjoni;
- l-importanza tal-prinċipji fundamentali li jirregolaw il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet kif ukoll l-obbligi u r-responsabbiltajiet, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, li jhorgu mill-istrumenti internazzjonali rilevanti li bihom huma marbuta, hija enfasizzata f'preambolu għall-Ftehim;
- is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għadhom ma japplikawx kompletament l-*acquis* ta' Schengen u l-għarfien unilaterali tagħhom tal-viżi u tal-permessi ta' residenza ta' Schengen maħruġa lil ċittadini tar-Repubblika tal-Belarussja għall-iskop ta' tranżitu mit-territorju tagħhom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 565/2014/KE, hija indirizzata permezz ta' protokoll;
- mal-Ftehim hemm meħmuża Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni fejn jidħlu dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar is-sigurtà ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.
- mal-Ftehim hemm meħmuża Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' informazzjoni għall-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir u dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati meta ssir applikazzjoni għal viżi għal soġġorn qasir;
- is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu u f'Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim. L-assoċjazzjoni mill-qrib tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen hi ugwalment riflessa f'Dikjarazzjoni Konġunta mal-Ftehim².
- Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-persunal konsulari hija meħmuża mal-Ftehim sabieħ tirrifletti l-importanza li l-Partijiet jagħtu għad-disponibbiltà ta' għadd suffiċjenti ta' persunal fil-konsulati tagħhom biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim.

² Il-preambolu u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-sitwazzjoni tar-Renju Unit jistgħu jkollhom jiġu riveduti wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta qiegħda tiġi ppreżentata lill-Kunsill sabiex jiġi konkluż il-Ftehim.

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), meħud flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta attwali ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv segwit, jiġifieri l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadini Belarussi u tal-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-baġit tal-UE.

5. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill, wara li jkun irċieva l-kunsens mill-Parlament Ewropew, japprova l-konklużjoni tal-Ftehim meħmuż bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja
dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), meħud flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XX², il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (minn issa 'il quddiem "il-Ftehim") ġie ffirmat fi [...], suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tas-7 ta' Mejju 2009, l-Unjoni u l-pajjiżi sħab esprimew l-appoġġ politiku tagħhom lejn il-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viża f'ambjent sikur u jirriafferma mill-ġdid l-intenzjoni tagħhom li jieħdu passi gradwali lejn sistema mingħajr viża għaċ-ċittadini tagħhom fiż-żmien opportun.
- (3) L-iskop tal-Ftehim hu li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn intenzjonat ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Belarussja.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis*³ ta' Schengen; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-

¹ Għandha tiġi inkluża referenza għall-kunsens tal-PE.

² OJ L [...], [...], p. [...].

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

*acquis*⁴ ta' Schengen; Għaldaqstant l-Irlanda mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Il-ftehim għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belaruġġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna awtorizzata biex tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, għan-notifika stabbilita fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni, meġħjuna minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrapreżenta lill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha⁵.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

⁵ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.